

32006R1667

11.11.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 312/1

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1667/2006****tas-7 ta' Novembru 2006****dwar il-glukosju u l-lattosju**

(verżjoni kodifikata)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 308 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew<sup>1</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>2</sup>,

---

<sup>1</sup> Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Ottubru 2006 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>2</sup> Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2006 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

## Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2730/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar il-glukosju<sup>1</sup> u l-lattosju ġie sostanzjalment emendat diversi drabi.<sup>2</sup> Għal iktar ċarezza u razzjonalità l-imsemmi Regolament għandu jiġi kkodifikat.
- (2) Sabiex jiġu evitati diffikultajiet tekniċi fir-rigward tal-klassifika doganali, ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tariffarja u statistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni<sup>3</sup> jiġbor flimkien il-glukosju, il-ġulepp tal-glukosju, il-lattosju u l-ġulepp tal-lattosju taħt intestatura waħda u l-glukosju u l-lattosju kimikament puri taħt oħra.<sup>(3)</sup> Madankollu, il-glukosju li jaqa' taħt is-subintestaturi 1702 30 91, 1702 30 99 u 1702 40 90 tan-nomenklatura magħquda u l-lattosju li jaqa' taħt is-subintestatura 1702 19 00 tan-nomenklatura magħquda huma elenkati fl-Anness I għat-Trattat u għalhekk huma soġġetti għas-sistema ta' kummerċ ma' pajjiżi terzi prevista taħt l-organizzazzjoni komuni tas-swieq li jagħmlu parti minnha, filwaqt li l-glukosju u l-lattosju kimikament puri li mhumiex elenkati fl-Anness I tat-Trattat huma soġġetti għas-sistema tad-dazji doganali, li l-inċidenza ekonomika tagħhom tista' tkun differenti b'mod sensibbli.
- (4) Din is-sitwazzjoni toħloq diffikultajiet li huma akbar peress li l-prodotti in kwistjoni, ikun x'ikun il-grad tal-purità tagħhom, huma derivati mill-istess prodotti bażiċi. Il-kriterju għall-klassifika doganali bejn daww il-prodotti li huma kimikament puri u daww li mhumiex huwa 99% grad ta' purità. Barra minn hekk, il-prodotti bi grad ta' purità ftit oġġla jew ftit aktar baxx jista' jkollhom l-istess użu ekonomiku. Għalhekk, l-applikazzjoni ta' sistemi differenti twassal għal tgħawwiġ ta' kompetizzjoni li huwa akbar minħabba l-interkambjabbiltà

---

<sup>1</sup> ĠU L 281, 1.11.1975, p. 20. Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 2931/95 (ĠU L 307, 20.12.1995, p. 10).

<sup>2</sup> Ara l-Anness I.

<sup>3</sup> ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 996/2006 tal-Kummissjoni (ĠU L 179, 1.7.2006, p. 26).

- (5) L-unika soluzzjoni għal dawn id-diffikultajiet hija li l-prodotti jiġu sottomessi għall-istess trattament ekonomiku jkun xi jkun il-grad ta' purità tagħhom jew, sal-punt li dan ikun jidher adegwat, li t-trattament mogħti liż-żewġ gruppi ta' prodotti jiġi armonizzat.
- (6) It-Trattat ma jipprovdi speċifikament l-awtorità meħtieġa biex tittieħed tali azzjoni. F'dawn iċ-ċirkostanzi għandhom jittieħdu l-miżuri meħtieġa abbażi ta' l-Artikolu 308 tat-Trattat. Barra minn hekk, l-aktar miżuri xierqa huma li t-trattament mogħti lill-glukosju ieħor taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1784/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċereali<sup>1</sup> jiġi estiż lill-glukosju kimikament pur, u t-trattament mogħti lil-lattosju ieħor taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib, jiġi estiż lil-lattosju kimikament pur<sup>2</sup>,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

---

<sup>1</sup> ĠU L 270, 21.10.2003, p. 78. Regolament kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1154/2005 (ĠU L 187, 19.7.2005, p. 11).

<sup>2</sup> ĠU L 160, 26.6.1999, p. 48. Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru. 1913/2005 (ĠU L 307, 25.11.2005, p. 2).

### *Artikolu 1*

It-trattament previst bir-Regolament (KE) Nru 1784/2003 u bid-dispożizzjonijiet adottati għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-glukosju u l-ġulepp tal-glukosju li jaqgħu taħt is-subintestaturi 1702 30 91, 1702 30 99 u 1702 40 90 tan-nomenklatura magħquda għandu jiġi estiż lill-glukosju u lill-ġulepp tal-glukosju li jaqgħu taħt l-intestaturi 1702 30 51 u 1702 3059 tan-nomenklatura kkombinata.

### *Artikolu 2*

It-trattament previst bir-Regolament (KE) Nru 1255/1999 u bid-dispożizzjonijiet adottati għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għal-lattosju u l-ġulepp tal-lattosju li jaqgħu taħt is-subintestatura 1702 19 00 tan-nomenklatura magħquda għandu jiġi estiż lil-lattosju u lill-ġulepp tal-lattosju li jaqgħu taħt l-intestatura 1702 11 00 tan-nomenklatura magħquda.

### *Artikolu 3*

Meta t-trattament mogħti lill-glukosju u lill-ġulepp tal-glukosju jew lil-lattosju u lill-ġulepp tal-lattosju li jaqgħu rispettivament taħt is-subintestaturi 1702 3091, 1702 30 99, 1702 40 90 u 1702 19 00 tan-nomenklatura magħquda huwa emendat skond l-Artikolu 37 tat-Trattat jew skond il-proċeduri stabbiliti għall-applikazzjoni ta' dak l-Artikolu, tali emendi għandhom jistenduh kif xieraq għall-glukosju u għall-ġulepp tal-glukosju jew għal-lattosju jew għall-ġulepp tal-lattosju li jaqgħu rispettivament taħt is-subintestaturi 1702 30 51, 1702 30 59 u 1702 11 00 tan-nomenklatura magħquda, sakemm, skond l-istess proċeduri, ma jittiehdur miżuri oħrajn għall-armonizzazzjoni tat-trattament applikabbli għal dawk il-prodotti bit-trattament applikabbli għal dawk diġà msemmijin.

*Artikolu 4*

Ir-Regolament (KEE) Nru 2730/75 huwa b'dan revokat.

Referenzi għar-Regolament li ġie rrevokat għandhom jinftiehem bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness II.

*Artikolu 5*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 7 ta' Novembru 2006.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

**E. HEINALUOMA**

---

*ANNEX I*

## Regolament Irrevokat flimkien ma' l-emendi suċċessivi tiegħu

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2730/75 (ĠU L 281,  
1.11.1975, p. 20)

Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 222/88 (ĠU L 28, 1.2.1988, p. 1)      Artikolu 7 biss

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2931/95 (ĠU L 307, 20.12.1995, p. 10)      Artikolu 2 biss

---

*ANNEX II*

## TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Regolament (KEE) Nru 2730/75	Dan ir-Regolament
Artikolu 1	Artikolu 1
Artikolu 2	Artikolu 2
Artikolu 3	Artikolu 3
Artikolu 4	_____
_____	Artikolu 4
Artikolu 5	Artikolu 5
_____	Anness I
_____	Annes II